# Animazzjoni - It-tielet Ħadd ta' matul is-sena (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tielet Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija tal-lum tistedinna sabiex nimtlew bil-kuraġġ għax Alla hu d-dawl veru li jmexxina.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Illum il-Liturġija tal-Kelma, tagħmel enfasi fuq l-importanza li kull individwu għandu fil-komunità. Ġesù wkoll kellu l-impenn tiegħu; dak li jaqra fis-sinagoga. Permezz ta' dan l-impenn huwa afferma li huwa l-mibgħut ta' Alla. Il-qari fis-sinagogga kien ta' importanza kbira. Dan għaliex permezz tiegħu, il-komunita kienet tibqa f'kunttat mal-Kelma ta' Alla.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Il-kliem tiegħek, Mulej huwa spirtu u ħajja!

**Offertorju:**

Fit-tieni qari tal-lum rajna li l-membri tal-Knisja huma kollha importanti fi ħdan l-istess Knisja. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lil Alla ta' din il-grazzja li tagħna permezz tal-offerti li sejrin noffrulu.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Is-sejħa li qed jagħmlilna Alla bħalissa hija dik li jidħol fil-ħajja tagħna. Ejjew nilqgħu din l-istedina billi nħallu lil Alla jgħammar fina.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.